MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 227/2012

**AB**
**Vs**

**Cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

1. Illi fis-sebgha (7) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998), ir-rikorrent izzewweg fir-Registru Pubbliku ta’ Malta lill-intimata.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja

mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.
4. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u / jew (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-sebgha (7) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) huwa null u bla effett ghal dawk ir-ragunijiet kif hawn fuq spjegati u skont l-artikoli tal-ligi citati.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta hija kontumaci f’din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment:

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat is-7 ta’ Lulju 1998 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u 19(1) (f) tal-Kap. 255.

Illi l-intimata, minkejja li giet debitament notifikata, baqghet ma prezentat ebda risposta guramentata u ghalhekk hija kontumaci f'dawn il-proceduri.

**Il-verzjoni tal-attur**

L-attur jghid li sar jaf lill-intimata fis-sajf tas-sena 1997 meta kellu tlieta u ghoxrin sena filwaqt li l-intimata kellha ghoxrin sena. Ftit tal-gimghat wara li bdew johorgu flimkien, l-intimata harget tqila. It-tnejn li huma nhasdu ghaliex kienu ghadhom zghar u t-tarbija ma kienitx pjanata tant li l-istess attur jghid li "***ma kellna ebda intenzjoni li nibnu familja***"[1]. It-tarbija twieldet fil-31 ta' Marzu 1998 u ftit tax-xhur wara l-partijiet iddecidew li jizzewgu. Fil-gurnata taz-zwieg, il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin sena. Jghid li din id-decizjoni ghaz-zwieg ittiehdet b'mod mghaggel u kienet karatterizzata wkoll minn pressjoni da parti tal-familja ta' Marita.

L-attur jghid li accetta li jizzewweg ghaliex xtaq li jara lil bintu titrabba f'familja maghquda. Din kienet ir-raguni ghala ddecieda li jizzewweg u ghala ha decizjoni bhal din tant malajr.

Snin wara twieldet it-tieni wild izda l-attur jikkontendi li z-zwieg beda jiddegenra mill-ewwel xhur tal-hajja mizzewga tant li mill-ewwel indunaw li ma kienux adattati ghal xulxin. Jghid li l-familja ta' Marita ghamlu minn kollox biex jifirduhom minhabba n-nazzjonalita' tieghu u peress li Marita baqghet taghti precedenza lill-genituri taghha u lil hutha, m'gharfitx id-dmirijiet taghha lejn il-familja li pprova jibni l-attur. Is-sitwazzjoni d-dar tant kienet hazina li l-attur kien jipprova jahrab billi johrog u jidhol tard sabiex jevita l-glied u l-ghajjat quddiem it-tfal.

Jaghlaq billi jghid li meta jhares lura jirrealizza li bejnu u bejn l-intimata qatt ma kien hemm sentiment adatti u proprji li normalment iwasslu koppja li tiehu l-pass taz-

[1] Ara l-ewwel paragrafu tal-affidavit tal-attur prezentat waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2013

zwieg. Jghid ukoll li l-kuncett ta' shubija fl-imhabba u fil-hajja ta' kuljum ma kienx jezisti.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-qorti tirrileva li l-unika xiehda u prova li ngabet fil-mori tal-kawza kienet proprju x-xiehda tal-attur. Ghalkemm kien ikun ferm ahjar li kieku l-intimata tat il-verzjoni taghha dwar il-fatti, xejn ma jwassal lil din il-qorti sabiex tnaqqas mill-kredibilita' tal-attur u ghalhekk m'hemm ebda raguni valida ghaliex din il-qorti m'ghandhiex toqghod fuq dak li jikkontendi. Ghalhekk, ai termini tal-istess xiehda, l-qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-istess xiehda abbazi tal-artikoli li fuqhom qieghed jibbaza l-kawza tieghu l-istess attur.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[2] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-***

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[3] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg sempliciment ghax kienet welldet tarbija barra z-zwieg. Jirrizulta car mill-atti li d-decizjoni ghaz-zwieg giet formata biss b’konnessjoni ma’ din l-istess tarbija. Fil-fatt l-attur jghid li zzewweg ghaliex ried li bintu tghix u titrabba f’familja maghquda kif ukoll ghaliex kien hemm pressjoni da parti tal-familjari tal-intimata. Jghid li d-decizjoni ghaz-zwieg ittiehdet b’mod mghaggel hafna. Il-qorti hija tal-fehma li jirrizulta car li d-decizjoni ghaz-zwieg in kwistjoni saret biss abbazi ta’ din it-tarbija tant li z-zwieg sar fi zmien sena li saru jafu lil xulxin u wara li kienet diga’ twieldet it-tarbija. Tant hu hekk li l-istess attur jghid li qatt ma ghaddietlu minn mohhu li l-intimata setghet tkun il-mara ta’ hajtu.

[3] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

Il-fatt li l-attur ra z-zwieg bhala mezz kif ikun jista' jaghti familja maghquda lit-tarbija tieghu minghajr ma rrealizza li kien qieghed jaghmel decizjoni tant importanti b'mod tant mghaggel. Dan kollu juri kemm din kienet decizjoni affrettata u bbazata fuq ragunijiet hziena li juru sens ta' immaturita' da parti taz-zewg partijiet. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li l-partijiet ftit li xejn kienu ilhom jafu lil xulxin. L-agir affrettat u ta' minghajr ebda forma ta' hsieb profond, juri kemm l-istess partijiet kienu immaturi meta dahlu ghal din iz-zwieg minghajr hsieb ta' xejn sempliciment ghax kellhom tarbija.

Il-qorti tirrileva wkoll li huwa minnu li l-partijiet ghamlu konvivenza twila izda dan ma ghandu ebda piz fuq l-ghoti tal-kunsens taghhom. Dak li hu importanti mhux x'gara wara z-zwieg izda x'kienet l-intenzjoni taghhom fiz-zmien propizju u fuq kollox jekk fl-istess zmien kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhlu ghal dan iz-zwieg.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi migbura l-attur ma jsemmi ebda element li permezz tieghu il-qorti tista' tkun inklinata li tilqa' din it-talba. L-attur ma jsemmi ebda element taz-zwieg (jew iz-

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

zwieg innifsu) li seta' jigi simulat. L-attur ma jghid xejn dwar il-gurnata taz-zwieg taghhom u naturalment, stante li l-intimata hija kontumaci u lanqas ma tat ix-xiehda taghha f'dawn il-proceduri, il-qorti hija sprovvista minn xi forma ta' hjiel dwar jekk kienx hemm xi forma ta' element ta' simulazzjoni da parti tal-partijiet.

Il-qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[5] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher li m'hemmx provi bizzejjed biex jinghad li kien hemm xi simulazzjoni da parti ta' xi wahda jew wiehed mill-partijiet. Fin-nuqqas ta' tali prova, allura il-qorti ma tista' taghmel xejn aktar hlief li tichad l-applikabbilita' ta' dan l-Artikolu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell